# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Minuti**

**Laqgħa tal-Lokalita' 2025**

Data: L-Erbgha 9 ta' April, 2025

Ħin: 17:30 hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Portelli Cascun | Sindku |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| | Sur Izak Catania De Giovanni | Kunsillier |
| Skużat/i: | | |
| Assenti: | Chev Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| | Sa Gwenith Calleja | Segretarju Eżekuttiv |
| | Sa Ann Marie Gatt | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

**LAQGĦA TAL-LOKALITA'**

Il-laqgħa bdiet fil-17:35 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien preżenti iżda wera d-dispjaċir tiegħu meta jara ammont zgħir ta' attendenza għal din il-laqgħa annwali tal-lokalita'. Dawn il-laqgħat jiswew sabiex il-pubbliku jkun magħraf bix-xogħol Amministrattiv kif ukoll bil-ħidma tal-Kunsilliera, filwaqt li spjega kif se tkun qed tiżvolġi din il-laqgħa.

Is-Sindku beda jaqra r-Rapport Amministrattiv għas-sena 2024 u ta spjegazzjoni li fil-ktejjeb mogħti lil min għoġbu jattendi, apparti dan ir-rapport se jsib il-ħidma ta' kull kunsillier li twettqet fis-sena 2024 kif ukoll rapport finanzjarju. Dan ir-rapport hu xhieda ta' kemm il-Kunsill hu attiv u kemm isir xogħol mil ftit haddiema li għandu l-Kunsill.

Is-Sindku stieden lill-kunsilliera preżenti sabiex jgħaddu ftit tagħrif dwar r-rapport ta' hidma tagħhom għas-sena 2024.

Wara dan l-intervent mingħand il-Kunsilliera, is-Sindku stieden lill-pubbliku sabiex iresqu l-mistoqsijiet tagħhom. Għal daqs tant is-Sindku sejjaħ lis-Sur Mario Camilleri, fejn is-Sur Camilleri għamel dawn l-ilmenti u suġġerimenti :

1. Saqsa kemm hemm residenti jattendu għal-korsijiet tal-life long Learning offruti mill-Kunsill.

Għal dan il-Kuns Lombardo wieġeb li għal dawn il-korsijiet organizzati mid-dipartiment tal-Edukazzjoni, jsiru darbtejn fil-ġimgħa u jattendu madwar tmintax (18) u tlettax (13) għal kull kors kemm barranin u kemm Maltin.

Is-Sur Camilleri rringrazzja lill-Kunsill għax xogħol siewi li jagħmel u pretenda li jattendu aktar nies. Hu qal li rċieva fil-posta n-notifika għal din l-laqgħa fejn qal li jaħseb li kull resident irċevija iżda ma attendewx. Is-Sindku wieġeb skond kif thares lejn is-sitwazzjoni, jekk posittiva ifisser li l-Kunsill qed juża mezzi sabiex ir-resident jinqeda aktar malajr u m'hemmx issues kbar. Min naħa l-oħra jiddispjaċih għax cert li kull resident għadu suġġerimenti validi x'joffri. Is-Sindku kompla billi jgħid li dawn il-laqgħat kif ukoll r-rapporti li jippreparaw il-Kunsilliera huma bil-liġi għalhekk iridu jsiru għalkemm xorta mhux dejjem isiru r-rapporti mitluba.

Is-Sur Camilleri kompla jgħid li hu joqgħod Triq Blondel fejn kellu jkun il-proġett tal-cables il-ġodda sabiex issir it-triq bl-asfalt. Is-Sindku kompla billi qal li din it-triq wara li kienu saru t-trinkek kienet biss ser issir biċċa bl-asfaltar iżda Hu ma cdiex għal dan u saert it-triq kollha. Is-Sur Camilleri irringrazzjah għal dan li anke ma damietx ma tlestiet. Haġa waħda kien hemm li l-kuntrattur ġurnata minnhom ma ħalliex aċċess għall-garaxxijiet iżda s-Sindku wieġbu li mar hu stess ikellem lill-kuntattur iżda ma kellux biżżejjed pjanċi. Sa anke lic-CEO ta' Infrastucture Malta kellem dwar dan iżda s'hemm hekk setgħa jasal bhala Kunsill. Is-Sindku kompla billi qal li din l-mentalita li kull haġa li tiġri fir-rahal hu responsabli l-Kunsill hija mentalita hazina. Il-Kunsill huwa l-vuċi tar-resident mhux biex ikisser.

Is-Sur Camilleri kompla dwar Triq is-Sur fejn tnehhew in-no entry signs u kieku kbar issa saru zghar. Is-Sindku wieġeb li kien hemm resident li lmeta u b'hekk saru zghar bhala sinjali. Is-Sindku sugerixxa li issir vleġġa ghal min gejn minn wara l-Knisja li turi li trid tinzel l-isfel.

Is-Sur Camilelri kompla dwar il-bankini ta' Malta kollha huma hziena. Ma jistax ikun li bankina tkun tiela u nieżla. Issugerixxa li isiru livell wiehed u min ikollu garaxx jaghmel rampa temporanja. Is-Sindku wieġeb li hi kontra l-ligi li sir rampa taht il-bankina. Izda s-sugerriment ser jiġi mwassal.

Kompla fuq Vjal Kottoner li hemm tumbati kbar u l-karozzi jipruvaw jevitawhom. Suppost kellha sir fi sena 2024 u ghada ma bdietx. Saqsa x'inhu jaghmel il-Kunsill dwar dan. Is-Sindku wieġeb li kull laqgha li kellu l-Kunsill ma' Transport Malta fejn gie mitlub Traffic Management ta' Vjal kif ukoll tat-toroq tal-madwar, pjanti ta' Vjal Kottonor gew preżentati mill-Perit tal-Kunsill u mhalsin mill-Kunsill. Dak mitlub inghata kemm minn Infrastructure Malta u kemm minn Transport Malta. Dan ifisser li x-xoghol min naha tal-Kunsill huwa lest. Jonqos biss jiġi deċiż meta ser jinbda x-xoghol. Ma setghatx tibda Vjal Kottoner ghax kien hawn il-progett tal-Enemalta, fejn lanqas il-Kunsill ma kien jaf b'dan. Izda l-Gvern jahdem li l-ewwel jaghti s-servizzi lir-residenti u wara ssir l-Infrastruttura. Dan ix-xoghol lest iżda issa risqa l-festa u ma jkunx ghaqli li jinbeda x-xoghol f'dan il-waqt. Is-Sindku gab eżempju bi Triq is-Summiena, Triq il-Pitiross u Triq l-Ghasfur tal-bejt li swew hafna flus lil Kunsill Lokali ahseb u ara jekk l-Kunsill ikun responsabli minn Vjal.

Is-Sur Camilleri semma ukoll id-double parking fejn is-sindku wieġbu li din infurzar mhux kompitu tal-Kunsill. Infurmah ukoll iżda li l-Kunsill ikollu laqgha fix-xhar mall-Community Police fejn dan kollu jiġi indirizzat.

Is-Sur Camilleri semma l-knis tat-toroq jekk m'hemmx roster, fejn is-Sindku wieġeb li hemm, iżda kull m'hawn huwa erbgha (4) Kenniesa ghar-rahal ta' kważi 14-il elf ruh. Din tiġi mill-individwu li ma jarmix barra u mhux jehel l-kennies. Assigura li xogholhom jaghmluh u huma umani wkoll li jista jkun ikollhom granet off jew ma jifilhux. Haga ohra li semma s-Sindku hu l-boroz tal-iskart, li meta jinfaqghu l-kennies imur jiġborhom sabiex ma jhalliex skart u sa ritratti jibaghtu u cert li xogholhom jaghmluh sew.

Is-Sindku sejjah lil Jason Dalli sabiex jaghmel l-intervent tieghu. Is-Sur Dalli beda billi rringrazzja lill-Kunsill tax-xoghol li jaghmel. Kompla billi fahhar l-inizjattiva tad-3D Printing li semma l-Kuns Izak li hu pass il-quddiem fit-teknologija. Is-Sur Dalli accena sabiex jittiehed hsieb is-sahha u s-sigurta fuq siti ta' kostruzzjoni speċjalment bhalissa fi Triq Kent. Is-Sindku wieġeb li dan irid jiġi rappurtat lil BCA mhux lill-Kunsill, iżda l-Kunsill jista biss iwassal l-ilment. Kompla bit- Traffic lights ta' Zabbar Road u Hompesch Road fejn jaqbilqu malajr ghal vetturi. Kemm is-Sindku kif ukoll il-Kuns Ray wieġbu li jekk jaqilbu malajr ċertu nies ma jilhqux jaqsmu. Il-Kuns Izak semma wkoll l-possibilita' li jista' jsir count down iżda ma zolviex l-problema ta' xi anzjan li jdum biex jaqsam. Semma wkoll l-garanzija tat-toroq fejn hu l-kas li saret triq u wara ftit ghaddew xi servizzi u l-asfalt ma sarx sew. Is-Sindku semma li kas riċenti hu ta' Triq San Xmun fejn saret house connection u t triq ma ġietx maghluqa sew u informa l-Infrastucture Malta iżda s'hemm jista jasal bhal kunsill.

# KUNSILL LOKALI FGURA

Is-Sur Dalli saqsa dwar l-greenary fil-Fgura fejn is-Sindku infurmah li llum stess iltaqgha mall-Perit dwar il-proġett ta' District park u ghal Mejju ghandu jibda x-xoghol fuqu ta madwar 50elf metru kwadru ta' art hadra. Hemm ukoll skema tal-Gvern Lokali fejn bhala Kunsill qed jippjana pocket park. Bhala kunsill jemmen f'ambjent ahdar ghax bhala rahal hu dens wisq li sahansitra anke bankina fi Triq is-Sur inbidlet fi ġnien.

Is-Sur Dalli semma ukoll l-istat tal-bankina bhas sinjur ta' qablu, fejn anke kellu kas li weggat it-tifla tieghu. Hawn is-Sindku rringrazzja lil Work Department li sab ghajnuna kbira min naha taghhom fuq xoghol ta' bankini.

Is-Sur Dalli fahhar ix-xoghol tal-Community Police fejn kien qed isir xoghol sew iżda issa naqas peress li żdied rahal iehor mar-ronda taghhom tal-Fgura u bi ftit pulizija ma jistax isir xoghol tajjeb u sorveljanza. Is-Sindku wieġeb li gahdhom jidhlu pulizija godda ukoll.

Semmha Triq Kent, Triq is-26 ta'Marzu u triq il-koppla sabiex isir aktar infurzar minhabba s-sewqan. Is-Sindku ser iwassal il-messag lil-pulizija.

Is-sur Dalli temm billi rega fahhar il-hidma tal-Kunsill.

Is-Sindku stieden lis-Sur Andre Mizzi sabiex jaghmel l-intervent tieghu. Is-Sur Mizzi stqarr li kuljum isiru avanzi kbar fir-rahal u mhux kull problema hija kompitu tal-Kunsill li jsiru ċertu xogholijiet.

Is-Sindku rringrazzja lil kulhadd u awgura l-lejl it-tajjeb.

Il-laqgħa ntemmet fil-18:35 hrs.

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sa Gwenith Calleja
Segretarju Eżekuttiv

Data: 9 ta' April 2025